MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 30/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Bonello)**

**Vs**
Dominic Andrew Spencer
Omissis

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 t'April, 2004 ghall-habta tat-8.30 a.m. fil-Marsa :**
**1) ta n-nar jew spara maskli, bombi, sufarelli jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;**
**2) Fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi xewwex gemgha ta' nies illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;**

**3) Fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min nies jew aktar, migburin biex jaghmlu reat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 68(2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 20(3)(a) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza izda hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi w ikkundannatu ghal ghoxrin lira Maltin (LM20) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Frar, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tielet akkuza u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi. 2. illi fir-rigward ta’ l-ewwel akkuza l-appellant ma ha sehem fl-ebda sparar ta’ bombi u wisq inqas ta’ n-nar u suffarelli. 3. illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet akkuza l-appellant ma seta’ qatt kellu l-intenzjoni specifika li jikkommetti reat kif addebitat lilu u dan ghaliex huwa kien mar fl-Ghaqda tal-Festa tas-Santissima Trinita’ fi Triq Balbi, l-Marsa, sabiex jara l-vara biss u ma kellux xi ruol attiv. Meta mar hemm hu kien dahal bil-volonta’ tieghu u ghalhekk l-appellant qatt ma seta’ jinsab hati tal-akkuza numru tlieta. 4. illi minghajr pregudizzju l-Prosekuzzjoni lanqas ippruvat il-fatt illi f’ xi hin kien hemm aktar minn ghaxar minn-nies fl-istess hin waqt li l-vara kienet esposta ghall-wiri .**

**Semghet il-provi mill-gdid;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjoni ghax l-appellant gja gie liberat mit-tieni imputazzjoni fis-sentenza appellata.**

**Pero' ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell , din il-Qorti "ex officio" osservat illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant tal-ewwel imputazzjoni li jidher li hija koperta bil-kliem testwali tal-artikolu 24(1) tal-Ordinanza Dwar l-Esplussivi (Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta), imkien fis-sentenza appellata ma ccitat dan l-artikolu tal-ligi li tahtu sabet htija. Dan skond gurisprudenza stabilita hu bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali w hu nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' parzjali tas-sentenza appellata fil-parti fejn tkun instabet htija fil-konfront tal-appellant u l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla u thassar biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn tkun instabet htija izda mhux ukoll il-parti fejn tkun illiberat minn xi akkuza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" **[10.6.94] ,** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " **[26.5.94];** "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" **[23.6.1995] u ohrajn.)**

**Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata fil-parti taghha fejn sabet htija fuq l-ewwel imputazzjoni w , wara li semghet il-provi mill-gdid, ser tghaddi biex terga tiddeciedi dwar l-ewwel imputazzjoni fil-mertu kif ukoll dwar l-aggravji tal-appellant dwar it-tielet imputazzjoni.**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza ser jigu ri-epilogati fis-sunt segwenti tad-depozizzjonijiet li nstemghu mill-gdid quddiem din il-Qorti :-

PS 86 ANTHONY LIA **xehed li fil-11 t' April, 2004, f' xis-1.30 pm kellu telefonata minn Fr. Manwel Axisa li rraporta li dak in-nhar' xit-8.30 am kienet saret purcissjoni tal-Irxoxt u kienu anki harqu xi sfafar u musketterija . Il-Kappillan kien qallu ukoll li l-istatwa tal-Irxoxt kienet fuq van. Hu kien mar fuq il-post u ma rax vara u ma ra xejn, pero' sab sfafar go Balbi Street u f' ghalqa vicin il-Knisja tal-Marsa kif ukoll fdalijiet ta' musketterija mahruqa. Ta' dawn kienu ttiehdu r-ritratti esebiti.**

L-ISPETTUR MARIO BONELLO **xehed li fil-11 t' April, 2004, il-Kappillan tal-Marsa, Fr. Manwel Abela kien infurmah b' dak li kien gara aktar kmieni fil-ghodu . Ma rrizultax li kien inhareg xi permess biex sar dak li sar, la mill-Kunsill Lokali w lanqas mir-records tal-Pulizija. Il-vara kien fiha xi sitt piedi. Lill-appellant Spencer hu ma kienx kellmu pero' kien indikahulu Charles Pace li hu l-"bodyguard" tal-Kappillan.**

PC 48 DESMOND DESIRA **xehed li minn verifiki li kien ghamel hu stess fir-records tal-Ghassa tal-Hamrun, ma kien hemm ebda permess biex tinharaq musketterija.**

PC 465 DANIEL ABELA **gharaf ir-ritratti esebiti li kien gibed hu stess.**

ADRIAN ATTARD **xehed li ma ntalbitx in-"*no objection*" fuq il-formola blu mill-Kunsill Lokali biex isir dak li sar.**

CHARLES PACE **xehed li dak in-nhar tal-incident , cioe' fl-Ghid tas-sena 2004, kienet tfaccat go Balbi Street , Marsa vettura fejn il-kazin imzejjna b' xi palm , miexja bil-mod hafna 'l isfel lejn il-Knisja w hu kien ra lill-Saviour Spiteri tiela w niezel fit-triq u deher li qed**

**izomm il-hin x’ hin ser tispicca l-quddiesa tat-8 am. Damu niezlin ghal ghoxrin minuta, kollox bil-kwiet. Meta l-vara waslet quddiem il-kazin inharqu hafna suffarelli u waqfu fil-kantuniera bejn Balbi Street u St. Thomas Street fejn “Il-Kantina” u xi tletin (30) ruh, kollha liebsin bil-flokk tal-festa ahmar u blu, bdew jixeghlu suffarelli. <u>Lill-appellant Spencer kien rah fejn il-kazin tal-Labour icapcap u jghajjat</u> . Kif spiccat il-quddiesa , hargu l-Scouts bil-banda u x-xhud ta l-ordni biex jaghalaq St. Thomas Street. L-Scouts kellhom il-permess ghal Church Parade . F’ xil-8.45 am – 8.50 am spicca kollox u hu kien dahal fil-kazin. Kienu nharqu suffarelli quddiem il-kazini tal-football u tal-Labour u quddiem “Il-Kantina” . Il-Marsa hemm pika kbira bejn tal-armar tal-Kantina . <u>Lill-appellant hu kien rah jahraq suffarelli jew gassijiet fejn il-kazin tal-Labour.</u>**

**In kontro-ezami dax-xhud qal li hu membru tal-Kazin Holy Trinity Band Club u fl-Scouts. Hu dak il-hin kien bejn l-Ghassa tal-Pulizija li kienet maghluqa u l-kazin tal-Banda. Dan jigi xi mitejn pass boghod u quddiem il-kazin tal-Labour ma kienx hemm dik il-kwantita’ ta’ nies li ma tagharfhomx u <u>hu lill-appellant jafu.</u>**

JOSEPH PACE **xehed li dak in-nhar hu kien ra dahna ta’ suffarelli hekk kif kien hareg mill-Knisja pero’ ma kien gharaf lil hadd.**

PAUL DEBATTISTA **xehed li hu kien niezel ghal quddies tad-9 am u ra van bl-istatwa fuqu u kif din waslet, tqabbdu hafna suffarelli u kien hemm dahna. Lill-appellant ma rahx.**

**Ikkonsidrat;**

Illi minn dawn il-provi jidher car li l-unika imputazzjoni li tista’ tirrizulta fil-konfront tal-appellant hija l-ewwel wahda w cioe’ dik li hu ta n-nar jew spara suffarelli jew xogholijiet tan-nar ta’ kull xorta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 24 (1) tal-Kap.33 tal-Ligijiet ta’ Malta . Dan jirrizulta mid-depozizzjoni mhux

kontradetta tax-xhud Charles Pace li xehed li ra lill-appellant fejn il-kazin tal-Labour jahraq suffarelli jew gassijiet . Ghalhekk l-aggravju dwar l-ewwel imputazzjoni mhux qed jigi milqugh.

Mill-bqija ma jirrizultax li l-appellant kien xewwex xi gemgha ta' nies illi hekk imxewxa ngabru f' numru ta' ghaxra jew aktar biex jaghmlu reat – akkuza li l-appellant gja gie liberat minnha mill-Ewwel Qorti - u li ha parti attiva f' gemgha ta' ghaxar minn-nies jew aktar migburin biex jaghmlu reat. Jidher li kull ma gara kien li meta xi nies indunaw li kienet ser tingieb gol-fond maghruf bhala l-"Kantina" statwa gdida tal-Irxoxt fl-ghodwa tal-Ghid , ingabru biex jarawha, forsi wkoll b'certu entuzjazmu festiv tal-okkazzjoni tal-Ghid iva, imma zgur li dan ma jistax jigi deskritt bhala li sar bil-ghan li jigi kommess delitt. Jidher li dak li sar kien spontanju w xi briju li kull min kien prezenti kien responsabbli ghalih - bhal capcip u ghajjat fil-kaz tal-appellant - kien ir-rizultat ta' agir spontanju u mhux ta' xi attruppament konsistenti f' gemgha ta' ghaxar minn nies migburin bil-hsieb li jaghmlu reat. Konsegwentement la tirrizulta t-tieni u lanqas it-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi , wara li fl-ewwel lok qed tannulla s-sentenza appellata biss dwar is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni minnhabba nuqqas ta' formalita' sostanzjali kif fuq intqal, u wara li semghet mill-gdid il-provi w t-trattazzjoni , qed tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu fuq l-ewwel imputazzjoni billi ssib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w tirriforma l-bqija tas-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w minnha tilliberah u in kwantu kkundannat lill-appellant ghal ghoxrin lira Maltin (LM20) multa u minnflok, wara li rat l-artikolu 24 (1) tal-Kap.33 u l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, stante c-cirkostanzi ferm partikolari tal-kaz, tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-import ta' dan il-provvediment lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------